# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**163.** **28 ta' OTTUBRU 1911.** **IR-RABA SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# TRIPLI.

Li Tripli b'iċ-Cirenajca b'collox ŭakghu taħt idejn it-Taljani hi ħaġa li il-lum jafha cullħadd. Dac li ghadna ma nafux seŭŭa hu jecc dina it-takliba hix sejjra tcun ta' ġid jeŭ ta' deni ghalina.

Biss billi il ġurnata tidher minn f'il ghodu u billi it-Taljani bdeŭ ġa jimpjegaŭ maghhom il Maltin f'il Pulizija naħseb li ghad niżżu ħajr l-Alla b'kalbna collha li fuk dic l-art hecc kriba lejna telghet tperper bandiera nisranija.

Billi il Maltin ta' hemm jinkalghu b'iż-żeŭġ ilsna—it-taljan u il gharbi— u daŭc li ma jafux seŭŭa il gharbi jafu il malti li jixbħu ħafna, it-taljani jakblilhom ħafna li jħaddmu lilhom ghaliex ijservu ta' catina bejnhom u bejn is-sudditi ġodda taghhom. Barra m'il ilsien il Maltin jafu tajjeb il pajjis u id-draŭŭiet tieghu u aħna l-art l-actar kriba ghall clima ta' hemm. Daŭna huma collha vantaġġi li jistghu jkallghu lill pajjżani taghna ta' hemm u actarx lil nies oħra minn haŭn biċċa ħobż seŭŭa u ghalhecc kieghdin jaghmlu ħażin ħafna daŭc collha li kieghdin juru xi mibeghda lejn it-Taljani ghax x'naghmlu jecc jeħdu fuk demm id-dars lil daŭc il pajjżani taghna li jlaħħku il ħames telef u jibaghtuhomlna ma ŭiċċna b'il fakar taghhom collu ?

Maltin ghonja fi Tripli ftit li xejn hemm u jecc daŭna jiġu haŭna ghall bieb Alla ijcomplu jgħarrku il pajjisna actar milli hu billi il ghacs allura joctor bla tarf.

Mela ma naghmlux bħal boloħ li jakilghu għajnejhom u jifirħu. Ma inġieghlux l'it-Taljani li joboghdu lil ħutna ta' hemm imħabba fina u ma ndardrux ghajn li nistghu ghada aħna ucoll nixorbu minnha.

Jiena naħseb u bħali jifmuha bosta oħrajn li b'dina ir-rebħa ta' Taljani fi Tripli u f'iċ-Cirenajca ħallejna il ghokda tant imħabbla ta'l emigrazjoni. Ifhmuni ghala. It-Tripolitanja u iċ-Cirenajca huma tant artijiet cbar li nistghu inghidu li it-Taljani ħadu taħt idejhom Italja oħra. It-Toroc ħalleŭ lil dina l-art tant l-ura li ma fiha l-ebda cumdità ta' xejn. It-Taljani, poplu civilizzat, jaghmel cull ma jista biex ijmixxi daŭc l-artijiet il kuddiem u biex joħlok il cumdità ijrid ix-xoghol u ix-xoghol biex ijsir ijrid id-dirghajn. Issa lankas chiecu tisvojta l-Italja collha in-nies taghha ma huma b'iż-żejjed biex ijghammru u jġibu il kuddiem chif ijmisshom daŭc l-artijiet u fl-Italja il-lum hemm tant cummerċ u kliegh il flus, li ftit huma daŭc li jakblilhom li jħallu pajjishom u jemigraŭ.

Ġa la darba mela ghall cumdità u ghall ħidma ta'l art, u gha't-tisŭija ta'l portijiet, u ghall bini ta'l fortizzi, u biex ijsiru vapuri-ta'l-art ghall geŭŭa, u biex jinbneŭ qŭartieri gha's-suldati li mħabba f'il biża li it-Toroc jerġghu jaħbtu ghaliha biex jiehduhielha ijcollha tħaddem ħafna nies u f'kasir żmien u minn pajjisha ma jcollhiex b'iż-żejjed mnejn tiġbed l-actar nies f'il kabda u li jakblilha tħaddem lilna u dana jcun ġid ghalina bla tarf ghaliex ma haŭnx ħlief tefgha ta' ġebla, ŭieħed ma jinfiredx ix-xhur minn niesu, ijmur kalb nies li jifhimhom u li jakbel maghhom u fuk collox il ftit xelini li tcun trid biex tasal hemm jicsibhom sgur cullħadd.

L-Italja jakblilha tfittex tibni sŭar seŭŭa f'il bliet il cbar collha u tirranġa m'il actar fis il portijiet u dana jfisser ħafna xoghol u ħafna kliegh ta' flus u fejn jista jilħku cull ħadd. Ma tcunx dina il barca t'Alla ghalina jecc ijmorru hemm ruxxmata Maltin milli haŭn kieghda u f'loc li jcomplu jnakkruna jghixu huma u jibdghu jibghatu xi ħaġa ta'l flus l-haŭn ?

Mela kieghdin jaghmlu ħażin ħafna tasseŭ daŭc li kieghdin ijsaħħnu il kiegha contra it-Taljani ghaliex ghada tista

tinkalghilna biċċa ħobż seŭŭa fosthom u jtellfuhielna, u lill Maltin li jridu jghixu taħt il ħacma taghhom naghmlulhom ħsara dejjem sgur.

Jidhirli li ghandna nifirħu meta narAŭ li nies insara bħalna u civilizzati jmorru il kuddiem ghaliex imbaghad ma ghandniex f'il ħajja inħarsu dejjem lejn l-interess biss!

Barra minn dana Malta sejjra issa issib ruħħa bejn l-Italja il Kadima u il Ġdida u cull taljan li jcun ġejj jeŭ sejjer ghal Tripli haŭn ġurnata jiekaf sgur u f'dic il ġurnata xi ħaġa jonfok sgur u b'hecc xi ftit ta'l cummerċ jitkankal ucoll.

Ħaġ'oħra ucoll ghandna inkisu li meta issa l-Italja sejjra jcollha port famus bħal dac ta' Tubruk li tarmah b'il chif, bħal ma Franza armat Bizerta, l-Ingilterra trid jeŭ ma tridx ijcollha tghożż Malta ftit aħjar billi iżżomm haŭn actar frejgati u suldati u dana jfisser cummerċ ghalina ucoll.

Mela minn cull fejn inħarsu lejn dina ir-rebħa li ghamlu it-Taljani ta' Tripli inghid ghalija ma narax ħlief ġid u ghalhecc ma ghandix ħlief nifraħ li nara dic l-art tant ghammiela u li darba chienet taħt il ħacma ta'l Cavalieri ta' San Ġŭann u ghalhecc ħaġa ŭaħda maghha taħt il ħacma ta' nazjon nisranija u civilizzata u li sgur tmixxi lil daŭc il pajjisi ħafna il kuddiem.

Billi aħna b'hecc insibu irŭieħna bejn żeŭġ xaklibiet civilizzati u maħduma ma jidhirlix li jcun ta' l-ebda ħsara ghalina iżda actarx ta' ġid cbir u meta l-Italja jcollha bżonn ta' ħafna xoghol li tridu malajr u niesha ma jcunux b'iż-żejjed ma nafux ghala il biċċa ħobż żejjda li jcollha f'idejha ghala ma ghandiex tħallina niecluha aħna ġa la darba ma tcunx tista titmaghha l-uliedha stess.

Ma incunux boloħ mela li naghmlu partiti contra min dejjem ghamlilna u jista jaghmlilna il ġid jeŭ li jista jaghmel ħsara lill ħames t-elef ħutna li jinsabu taħt idejh, u ma nħallux actar min jinkeda bina ghall finijiet karrieka ta' rasu.

Mela meta ŭieħed ijgharbel tajjeb jecc hux ta' ġid jeŭ deni ghalina li Tripli tibka taħt idejn it-Taljani naħseb li fl-aħħar ghandu jghid bħali li iva u ghall bosta raġunijiet u ghalhecc ghajn li nistghu nixorbu minnha u li ġa ħutna kieghdin jixorbu minnha ma ghandna indardruha katt u katt.

# FRAĊ.

Da'l ġranet chelli ghaliex nersak lejn l-Università taghna u ir-Rettur Magro, M.D., ghoġbu b'ġentelezza cbira ħafna jdaŭŭarhieli tokba b'tokba u l-actar fejn inbena ġdid. Jiena bkajt tasseŭ mistaghġeb chif tbiddlet min dac iż-żmien li cont nistudja fiha jien u chemm tasseŭ gharaf jaħlak cumditajjiet il Prof. Magro ghal daŭc l-istudenti li jridu tasseŭ jistudjaŭ u jitghallmu. Il-lum hemm ma jitghallemx min ma jridx ghaliex hemm ghal cull classi laboratorji li ma huma xejn ankas minn ta' bosta bliet ta' Barra. B'dan ma nifhemx li ghandna inkabblu l-Università taghna ma' ta' Londra, Berlin jeŭ New York iżda f'iċ-ċocon taghna ghal min ijrid jistudja hemm cumdità b'iż-żejjed u nitma li b'il ftit il ftit il Prof: Magro jibka jżidhom sa jcollna Università m'il aħjar. Smajt ucoll biċċa spieġa ta'l Fisica m'il Prof: Agius billi ir-Rettur Magro daħħalni nisimghu u ħriġt cuntent ħafna ghaliex il Prof: Agius m'hux biss jaf bl-ingliż tajjeb iżda jispiega ċar ħafna u ma jitghallemx minn ghandu biss minn ma jridx. F'il ħin ta'l lezzjonijiet hemm ucoll qŭiet li ma bħalu allavolja bejn il-Liceo u l-Ŭniversità ijlaħħku b'collox ma'l elf student. Ħakku ghalhecc chelma ta' tifħir tasseŭ ir-Rettur Magro talli gharaf mexxa l-Università il kuddiem u ħalak daŭc il cumditajiet collha ghall ġid ta'l istudenti.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha l'is-Sur Fons Galea ta'l ctieb li baghatli ta'l Moghdija ta'ż-Żmien in-numru 112 msejjaħ «Ŭerak ta'l Ħarifa» u li jkum żeŭġ soldi biss ghall min ijrid jixtrih. Fih ħafna ħŭejjeġ sbiħ ta'l imfaħħar chittieb malti Annibale Preca u ghalhecc eull min ijħobb jakra b'ilsienna ghandu jħassel copja. Fih ucoll cummidja «It-Telegram» li hi ħelŭa tasseŭ. Is-Sur Fons ghall ġid cbir li kieghed jaghmel b'daŭna il cotba ħakku tasseŭ it-tifħir ta' cullħadd.

★

F'in-numru ta'l ġimgha l-oħra ġibt dic l-ittra tant sabiħa ta' Dun Ġorġ Caruana fuk l-emigrazjoni u f'chelmtejn fehimtcom x'kal fiha. Iżda billi xi uħud li ma jifhmux bl-ingliż talbuni biex inghidilhom xi ħaġa actar f'it-tul fukha sejjer inżid xi ħaġa oħra biex b'hecc tista tcun ta' xi ġid ghal min jakraha. Fuk dic ta' Fenech ma hemmx bżonn li nitchellem ghaliex f'in-numru ta'l ġimgha l-oħra chien hemm b'iż-żejjed biex tifhmu x'chien fiha.

Mela Dun Ġorġ fl-ittra tieghu tchellem fuk żeŭġ pajjisi ta'l America:—New York fejn jinsab hu u il Brażil.

Fuk New York kalilna li hemm bosta Maltin u li daŭna collha tista tghid kieghdin jaghmluha tajjeb billi sabu ix-xoghol f'il ħin jeŭ ŭara ftit ġranet. Daŭc li ilhom hemm collha ghandhom salarji tajjba u chisbu impieghi m'il aħjar.

Cull min ghandu il ħila, jaf bl-ingliż u jrid ijmur jaħdem b'is-serjetà collha f'New York ghandu jsib x'jaghmel u b'il mod il mod ghandu jsib postijiet tajjbin ucoll. Jecc ma jsibx hemm jista jibka dieħel actar il ġeŭŭa fejn ma hemmx il folla ta' New York u ghalhecc il postijiet ŭieħed jista jsibhom actar malajr u bi ħlas ŭisk aħjar. Dan l-aħħar telghu bosta Maltin f'Detroit ghaliex hemm imfittxa in-nies ghax-xoghol. Min ma jafx bl-ingliż li jista jiftiehem, jeŭ ma ghandu ħila seŭŭa ta' xejn, jeŭ ghandu f'rasu il fellus li ghandu jmur jippassiġġa f'it-torok b'idejh f'butu u il bajtra taka f'ħalku jitkarrak u aħjar ma jmur xejn ghaliex ijcollu f'kasir żmien jeŭ ijmut taħt ħajt b'il ġuħ jeŭ ijdaŭŭar denbu l-haŭn actar imsaŭŭat minn kabel. L-actar li huma imfittxa huma in-nies ta's-snajja u fosthom l-inġinerieri, il fitters, l-*engine-drivers* u nies ta' xoghlijiet oħra bħal daŭn. Billi hu miżghud b'il macni u daŭna joctru ta' cull jum ghaliex l-industriji hemm joctru u m'hux jonksu minn daŭna in-nies ta's-snajja jcun hemm bżonn dejjem.

Daŭc li ma jridux huma iż-żghażagh ta'l iscola iġifieri daŭc li ghax jafu chelmtejn ħażin bl-ingliż jeŭ b'it-taljan ijghidu li jafu l-iscola. Jecc ŭieħed ijcun ta' xi capacità cbira li jista jħabbatha ma'ż-żghażagh ta' hemm ijghix ucoll iżda l-oħrajn sgur le, ghaliex hemm ix-xoghol ta' scrivani jaghmluh ix-xebbiet u bi ftit flus u barra milli jcunu jafu l-iscola tajjeb ijcunu jafu ucoll it-*typewriting* u l-*istenografija*, ħŭejjeġ li ftit huma iż-żaghżagh Maltin li jafuhom. Mela daŭc iż-żaghżagh li semmejna aħjar ma jitkanklu xejn ghal hemm; u jfittxu xi pajjis actar il ġeŭŭa jeŭ il fuk bħal ma hi il Canada fejn ma hemmx dic il cotra ta' nies intelliġenti bħal ma hemm f'New York.

Dun Ġorġ tchellem ucoll m'il Brażil u kal li xi sena u nofs ilu meta chien sejjer bħala Cappillan ta'l Emigranti

minn Genũa ghal l-America chien sama ħafna stejjer li jchexcxu fuk l-emigranti li jmorru f'il Brażil. Kal ucoll li ftit ġranet ilu chien kieghed jitchellem ma' Cummissjunarju ta'l Emigrazjoni taljan u li dana meta staksih jecc dac il pajjis chienx tajjeb ghal l-emigrazjoni jeũ le ũieġbu:— LI ACTAR JIXTIEK JARA BNIEDEM TA'X-XOGHOL ICCUNDANNAT BLA ĦTIJA GHAL GHOMRU IL ĦABS MILLI JARAĦ SEJJER IL BRAZIL GHALIEX L-EŨUEL IJŨIEGHDUĦ CULL RISK U ŨARA MA JSIBX ĦLIEF ĠUĦ U JASAR BISS. Ghaldakstant Dun Ġorġ baghat ijũiddibna li kabel nitkanklu ghal hemm jeũ inħajjru l'in-nies biex ijmorru ghandna nistaksu seũna biex ma immorrux nitfghuhom minn ġ'ot-taġen ghal ġamar dritt.

Dan hu dac li fehimna Dun Ġorġ Caruana fl-itira tieghu u jidhirli li cliemu hu ta' min ijdommu ħafna ghaliex dana ma hu imħallas minn ħadd biex ijkanklal jeũ biex ijħassar emigrazjonijiet iżda chitbu biss ghall ġid ta' ħutu il Maltin.

Mela in-nies meccanici jistghu jfittxu ghal xogholhom New York ghax hemm x'jaghmlu iżda ta'l iscola aħjar le.

## PADRE MAESTRO SANTO GRECH

10. *Crocefissa Moli l'istesso sopradetto anno aveva un cavallo che per un male che gli avvenne non prendeva più alcun cibo, ed era prossimo a morte, essendo stato così per più giorni, Crocefissa lo raccomandò con lagrime di vera devozione al Servo fedele del Signore Santo, con promettere l'elemosina di mezzo tumolo di grano al Convento, ed il cavallo al momento cominciò a mangiare, ed al secondo giorno fu perfettamente sano.*

11. *Molti altri segni e prodigi possono contestare la Santità di questo uomo tutto di Dio, che potrebbe parlarsene in una vita più estesa.*

12. *Conchiudiamo come verificatasi la morte di questo Santo uomo si sparse la nuova con massimo dispiacere per tutto questo territorio.*

---

N.B.—Qui finisce la fedel copia parola per parola del manoscritto sulla Vita del P. M. Santo Grech O. P., conservato dai R.R.P.P., Domenicani della Città Valletta.

EDUARDO ASCIAK 21/11/1895.

Vita del V. Ant. Tabone O.P., copiata fedelmente da un manoscritto che conservasi in Valletta nel Convento di S.M. di Gesù dei Min: Osservanti, e poi confrontata colla sua Vita stampata in Roma l'anno MDCCXXXVIII.

E comincia la Vita :—

---

*Compendio della Vita del Ven: Servo di Dio il Padre Fr. Antonio Tabone dell'Ordine dei Predicatori—Maltese della Provincia di Sicilia.*

*Da Malta che così chiamavasi anticamente dal nome dell'antichissima città dell'Isola Melite, fondata dai Fenici primi abitatori di nostre isole sin dagli anni del mondo 2,600 in circa sicchè al presente della di lei fondazione contano 4284 in circa, come diremo nel preambolo 2 alla Vita di S. Publio, detta anco Medina, che tanto vuol dire presso li Saracini, dalli quali riportò tal nome, qnanto Metropolis oggi Notabile e Città Vecchia chiamata dall'antica, ed illustre famiglia Taboni ebbe l'origine il nostro Antonio, il quale crescendo nell'età, crebbe in lui particolare inclinazione verso la Religione, talchè avendo talora conosciuto che per vedere Iddio in terra bisogna cavarsi fuori dalle domestiche occupazioni, non aspirava ad altro che al totale abbandonamento del mondo. Pervenuto agl'anni della discrezione, prevalendo in lui assai più che la natura, la forza delta grazia ed ispirazione divina, la quale da quel l'ora istessa scelse questa benedetta anima per un campo a proporzione da poter seminar in esso il seme della grazia, fecondandolo in tanto di continuo, ed irrigandolo coll'acqua di sante illustrazioni, a fine di poterne a suo tempo (come in effetto riuscì) raccorre frutti digni di vita eterna: Quos praescrivit, dice l'Apostolo, hos praedestinavit. Da simili celesti influssi fecondato, ed inaffiato nell'animo il fortunato Giovine non mancò cooperare, coltivando la graziosa pianta del Divin Agricoltore piantata nel terreno del suo cuore; quindi è che accortosi dell' avvertimento da Cristo dettato: Inimici hominis domestici ejus; et, qui diligit Patrem aut Matrem plusquam me, non est me dignus; assicurato dalla divina vocazione, posti in bilancia li diletti e piaceri mondani da una parte, e dall'altra le delizie del paradiso, quelle con magnanimità Apostolica dispreggiando disse: Omnia detrimentum feci, et arbitror ut stercora, et Christum Crucifaciam (Philip. c. 3) del solo amor di Dio invaghito, licentiatosi dalli parenti dato l'ultimo addio alla patria tosto corrispose ed ubbidì alla voce del Cielo: et egressus est sicut preceperat ei Dominus, e partito da Malta si portò in Palermo capitale della Sicilia là ove nel Convento dei Padri Domenicani prese l'Abito Religioso. Fatta la professione il nostro Eroe a fine di facilitare l'intrapresa navigazione dello stato religioso, e già mai affondarsi con la guida della Stella Domenico suo Patriarca, drizzò la nave dell'anima sua carica di celesti affetti, e per appunto già mai pericolò; ma con tale sicura scorta sempre facile gli riuscì di approdare nei disegnati porti della religiosa perfezione, a segno tale che approfittandosi Antonio, ogni giorno nelle cristiane virtù, divenne specchio di perfezione agli altri, imperocchè armato di santo zelo, nulla paventando li Corsari dell'Inferno, sbranò il Leone Nemeo del Demonio, recise li sette fuliginosi teschi dell'Idra di sette capitali peccati, à sgombrato le stinfalidi delle diaboliche suggestioni, à soggiogato l'Anteo della superbia, à domato i Cavalli di Diomede delle sfrenate passioni, ed à colto i pomi d'oro delle sante virtù, di maniera che si rese spettacolo giocondissimo al Cielo ed alla terra: Spectaculum factus est mundo, Angelis et Luminibus. Finalmente sotto le ceneri dell' umiltà ardevano sempre nascoste vive fiamme d'amor divino nel petto d'Antonio che mai tralasciato avea di portarsi al coro per dare a Dio in compania degli altri Religiosi il solito tributo delle matutine lodi: anzi dolevasi molto se talvolta debilitato dalle penitenze, era sforzato dall'ubbidienza a rimanere nella Cella. Nell'astinenza imitava gli antichi Antoni con questa sola differenza però che quelli erano contenti delle sole erbe e dattili, ed il nostro Antonio appena concedeva al naturale appetito pochi fichi, e quasi niente altro; del resto digiunava continuamente, nè portò mai lino alla carne. Celebrò ogni giorno in sin che avea le forze, e talora non chiamato dal sagrestano si condoleva molto con lui. Nel trattare era sempre placido e dolce, dando ottimo saggio della nazia patria, il di cui clima è così benigne che perciò dalli Greci si chiamava Melita cioè, à melle dicta.*

*(Tissocta.)*

# IL CURA TA'S=SAUM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.*)

MISS M. LOUISE STURTEVANT ta' Norwich, Connecticut, fl-America, li chellha stoncu mgharrak u nevrastenija kaūūija tjiebet ucoll.

* * *

LADY FLORENCE DIXIE, ta'l Ingilterra, chien ilha snin cbar tūahūah b'ir-**reūmatismu** bla ma setghet katt ttejjku ghad li tabb'bet u nefket flus f'il medicini chemm felħet. Meta imxiet fuk il cura ta'd-Dr: Dewey fieket ghal collox u ghalhecc irregalat il ctieb ta' dana il gharef tabib l'ir-Regina Vittorja u lill Principessa ta'l Galles, li ūara laħket Regina Alexandra. Il ctieb tieghu ġie maklub fl-ilsien svedis u is-Sultan Oscar ta' hemm chiteb ittra lil Dr: Dewey u faħħarulu ħafna.

* * *

MRS. G...., li jsemmi f'il faċċata 36, chellha **dispepsja nervusa** kaūūija ħafna li chienet ūasslitha f'xifer il kabar «*she was just on the brink of the grave*» Samet **disa** t-ijiem u fieket. «*After fasting nine days natural hunger came and with it ability to take food without suffering.*»

* * *

Sinjura oħra ta' 45 sena, (faċċ: 37) chien ilha żmien marida b'id-**diabete**, u ghad li tabb'bet ħafna katghulha jiesha li tista tfiek. «*One of the leading physicians of her city told her frankly that no physicians could eure her.*» Marret f'New York ghand *speċjalista* u damet hemm sena taħt spejjes cbar iżda ghal xejn. Fl-aħħar daret ghal cura ta's-saūm. Ūara disa t-ijiem li chien ilha sajjma żeūġha ha l-aūrina, ghand it-tabib tajjeb taghha bla ma kallu x'cura chienet kieghda taghmel martu u sabu li iz-zoccor nakas tliet qūarti milli chien kabel. Ūara ghaxar t-ijiem oħra saūm raġa ħadlu l-aūrina u it-tabib baka mistaghġeb ghaliex ūara li chien kallha li ma jfejjakha ħadd issa ma sab l-ebda farca zoccor fl-aūrina. Compliet is-saūma ghal erba ġimghat u marret m'il ġdid New York ghand l-*ispeċjalista* li meta esaminaha kallha li fieket ghal collox. Min jaf chemm haūn nies morda b'id-diabete li kieghdin jonfku ħafna flus gha r-rieħ bla xita f'il ħin li b'saūma chienu jistghu jiġu f'saħħithom, m'il ġdid bla spejjes ta' xejn.

* * *

IT-TABIB JOSEPH F. LAND ta' New York, 130 West 126th St, ipprova il cura ta' Dr: Dewey u ħareġ jiftaħar. Isimghu x'chiteb: «*I have followed its teachings with benefit to myself and to many others to whom I have preached it. In fact I have yet to meet a case in the treatment of which it has not proved helpful. I am more than ever convinced that its power to heal has no limit.*» Dana ordna ħafna cotba ta' Dr: Dewey u kassamhom fost il morda tieghu biex ijfieku fukhom. Vera fula f'kargha!

* * *

HENRY C. HOUGHTON, M.D., Professur ta'l Otoloġija f'il Homeopathic College u fl-Isptar ta' New York u f'il Culleġġ ta'l Ophtalmic Hospital u *Senior Surgeon* fl-istess sptar chien ilu ghal erbghin sena marid bl-istoncu tieghu b'dispepsja karsa «*From school-boy days I suffered from fermentative indigestion.*» Ipprova collox saħansitra il cura ta' Dr. Salisbury iżda ma ghaddiex ghal l-aħjar. Meta mexa fuk il cura ta'd-Dr. Dewey fiek ghal collox. «*the change from a condition of suspected gastric cancer and of realized cussedness, to one of boy's appetite and young man's.*» Ūara disa xhur chiteb lil Haskell:—«*It is now about nine months since I started this physical gospel, and it is simply a new era with me. I may well call these nine months my «fat years» after the forty lean ones that I have had.*» Ūara sentejn raġa chitiblu u kalu:— «*It will be two years in July since I adopted Dr. Dewey's «Theory and Practice» and I may say that while I do not actually do it, I find it in my heart to issue a Thanksgiving proclamation ou the morring of every day.*» Dana it-tabib xtara xi mitt copja m'il ctieb ta' Dr. Dewey u malli xi ūieħed m'il morda tieghu jeū minn ħbiebu jimrad jisilfu copja biex jakraha. «*I keep the books on the shelf, and pass them out for an unbiased reading by any one who suffers.*» Fula f'kargha oħra! Chiecu it-tobba collha chienu bħal daūn chiecu chienu jcunu jistghu jħottu l-isptarijiet collha ma jdumux!

* * *

DR: W. E. DAVIS ta' Springfield. Massachuchettes iccura ruħu ucoll scond it-taghlim ta' Dr. Dewey u ħareġ jiftaħar billi chiteb:— «*For over two years I have been living by the priuciples laid down in Dr. Dewey's wonderful book «The New Gospel of Health.» With gladness unspeakable I assure you, I already find myself almost a new man: and I can never pay the debt of gratitude I owe him for the blessing he has conferred upon me. My book has been loaned far and wide among patients and friends, and many converts made to the great aud priceless physiological discovery, which is destined to do so much for suffering humanily.*»

* * *

IT-TABIB C. E. HASTINGS, ta' 160, Huntigton Ave, Boston ijsemmi cas ta' ħajjata li b'il kghad ta' b'il kieghda dejjem gharrket l-istoncu taghha. Kallha biex taghmel il cura ta' Dr. Dewey u semghet minnu. Ghad li il marda li chellha chienet kaūūija ħafna (*a form of indigestion so severe that her whole existence was a wretched and suffering one*» fieket ghal collox u bdiet tiecol cull ma trid ghad li kabel «*nothing seemed capable of effecting a cure.*» Meta raha xi ġmiegħi ūara «*her appearance out ran her words, in telling the glad story of improved health. I greeted her with the words «Why, you have grown ten years younger!» She was able to eat freely and she keenly enjoyed her food, and was wholly free from the old distress. The improvement has continued up to the present.*»

* * *

L-istess Tabib Hastings ijsemmi cas ta' **costipazjoni** ta' żmien tūil ħafna li fieket ucoll b'dina il cura. «*I may mention of a lifetime constipation entirely relieved,*» u cas ieħor ta' ūieħed li chellu kalbu maħsusa u fiek. «*If my heart does not beat al! right now, I do not know it, I feel like a new person, especially in the morning.*»

(*Tissocta*).

# IS-SAHHAR FALZUN.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

«Il pjanti chienu lesti iżda billi Lanza u Genga ma kablux tkankal ħafna ghajdud bejn il Cavalieri u inħela ħafna żmien. Lanza ried li il belt tibka ħierġa sa'l Marsa biex tcun tista tħares l-ilma ħalli fi żmien il güerra ma jakax f'idejn l-ghedeüüa u jħassruhulhom. Genga żamm ruħu actar f'il kasir, chif inhi il-lum, biex ma iddumx tinbena üisk u b'hecc ijcunu jistghu jilkghu, m'il actar fis, l'it-Toroc. La Vallette, meta ra hecc, reħa dana il bini f'il ġenb u baka jaħseb chif jilka ruħu gha't-takbida ħarxa li chienet rieska fuku. Baghat ħafna nisa u tfal u xjuħ Skallija ħalli ma jcollux xchiel u ħluk żejjda. Ħaffer bjar u üakkaf bosta fran, u ħażen il ħafna kmugh li ġieb minn Franża. Tħeżżiża-ta'l-art kaüüija cattret il biża ta' cullħadd u süied-il-kalb cbir üaka fukna meta kamet burraxca kalila li chissret xi xüieni u ġarrfet ħafna djar. Daüc chienu ġranet ta' biża u takt'legh-il-kalb coroħ ghalina u li chienu fneüna ghall meüt tasseü»...

—«Niftacar, niftacar» kabeż kal Xara. «Min hu dac li jista katt jinsa x'ġarrabna f'daüc is-snin tant ta' nichet cbir ghalina?»

—«Hecc hu,» compla jghid Ambroġ «Il Cnisja chienet tinsab imbixcla ħafna ucoll b'it-taghlim ta' Luteru u ghalhecc sar il Conciljiu ta' Trentu. La Vallette ma riedx jonkos u ghalhecc baghat f'locu lil Fra Martin Royas, li üara sar Iskof taghna. F'il Birgu ħa ħsieb biex bena il Collacchju ħalli fih ijghammru il Cavalieri bla ma jcunu imħalltin üisk ma'l pajżani biex ma jsirx tgerfix actar ma'n-nisa taghna.»...

— «M'hux fuk hecc chienet saret il-liġi fuk il bini?» staksa Pinu.

—«Iva» üieġeb Ambroġ «u ghalhecc sejjħulha «*Ordinazioni sulle case.*» Barra minnha chien ghamel ucoll xi liġijiet contra il-lussu billi chien kieghed joctor bl-icreħ üisk fosthom li cull min chien jilbes il calzetti irraccmati chien jeħel erba snin kdif fuk ix-xüieni.»

—«Tajjba din!» kabżu kalu flimchien Rużanna u Marija «Bakax fejn jindaħlulna daüna il mniefaħ ta' Cavalieri»......

— «Dan ghamluh ghal ġid taghna» kallhom Ambroġ «bħal ma chien ghal ġid taghna ucoll meta ġieghel saħansitra l'in-nisa u l'it-tfal li jmiddu ghonkhom f'ix-xoghlijiet ta's-süar ta'l Birgu u ta'l Isla»....

—«Hu sgur! Hu x'chien jitlef minn tieghu?»... tmasħnet Rużanna.»

—«Le, ma chienx hecc» tenna Ambroġ «La Vallette medd ghonku saħansitra hu stess ma'l Membri ta'l Cunsill biex jaħdmu u ma tul il għodüa chienu jkattghu chemm il siegha jġorru il ġebel fuk spallejhom biex ijkaüüu kalb l-oħrajn. Pietro del Monte, li chien Ammirall, fetaħ il borża cbira tieghu seüüa biex ijħejji it-triek ħalli jilħak Gran Mastru u süielna bosta. Il Cavalieri Romegasso u Motta carcru m'hux ftit risk u prejjeż m'il Lvant b'ix-xüieni taghhom. Cullhadd chien xebghan u mħallas tajjeb. Ħdejn Scarpantu ħatfu galjun torc li chien imghobbi b'ħafna ġid u li Aħmed Mustafà, karib Soliman, chien sejjer bih m'il Cajr ghal Costantinopli. Il Cavalieri talbu biex jifdu l-Aħmed bi tmintax il elf zecchin u Soliman ma kalx le, iżda ħrax actar contra l-Ordni u fittex ħejja il flotta actar b'il ghaġla biex jiġi jaħbat ghalina m'il actar fis li jista jcun. Dragutt indaħal hu contra Romegasso u Motta iżda baka b'xiber imnieħer ghaliex żelkulu minn taħt difrejh u dabbru rashom f'il Port. Mitluf f'demmu infexx fuk Ghaüdex iżda dina id-darba ġiebha fart billi il Castell chien imghammar sħiħ u billi La Vallette chien ħa ħsiebu ghax chien ijħobb lil Ghaüdxin üisk»...

—«Jakaü?!» staksa Gaüci.

—«Mela nsejt» kabeż kallu Xara «li chien katta mtarraf fosthom tmien xhur sħaħ meta baghtu hemm Lisleadam ghall bluħat ta' żghużitu?»....

—«Il Papa Piju Erbgha chien ħaseb ucoll fihom» compla jghid Ambroġ «u chien saħansitra ġieghel lil Cleru ta' hemm li jħallas l-ghexur ghal ħames snin sħaħ biex b'il flus li jinġabru jissaħħu is-süar ta'l Castell ħalli jcun jiflaħ ijżomm jebes contra il killa ta'l Musulmani. Is-Sultan ta' Spanja lankas kaghad jonghos u beda jħejji il flotta tieghu biex jecc Soliman jaħbat ghal Malta hu jati minnufih dakka t'id seüüa lill Cavalieri. Ix-xüieni ta'l Ordni chienu imħejjia b'ir-raġel u ma chienux ħlief ijbaħħru l-hinn u l-haün biex jaraü x'jaħtfu taħt difrejhom. Iltakghu f'is-7 ta' Lulju 1564, taħt it-trieġija ta'l Ġeneral u Cavalier Gioù, ma's-«Sultana» torca li chienet armata b'is-sħiħ u imgħobbija b'cull risk. Tkatlu chemm felħu iżda üakkghuha taħt idejhom u carcruha f'il Port kalb ghajat ta' ferħ li ma bħalu. Fuk dana il galjun chien hemm ħafna mħibat * ghall odalischi ta'l Harem u ghalhecc meta semghu b'd'it-telfa, xeħru u xeüüxu chemm felħu lil Soliman biex jitħallas m'il Insara u dana ħalfilhom li chellu jaghmlu b'il killa tieghu collha. U bħallichiecu dana ma chienx b'iżżejjed biex jinbxu lil Gran Sinjur u biex juruh li ma jibżghux minnu, il Cavalieri marru b'sitt xüieni taħt it-trieġija ta' Enricu Parisot La Vallette, neputi ta'l Gran Mastru, biex jaħbtu ghal gżira ta' Malvasja ftit boghod m'il Morea, billi fiha it-Toroc chienu jaħżnu it-tgħam taghhom collu. Żeüġ ma ġiebuhiex taghna u daüüru denbhom cuti cuti l-haün b'it-taptipa li kalghu iżda il killa ta' Soliman meta ra hecc faret ghal collox u fittex ħejja b'ghaġla cbira il flotta ħalli jara jrażżanhomx darba ghal dejjem. Rossalana, li dic il ħabta chellha setgha bla tarf fuk il kalb ta'l Gran Sinjur, neħħet f'in-nar chemm felħet sa kanklet ħuġġieġa li tbażża. Faccritu li fl-aħħar ħames snin il Cavalieri ma ħdeü xejn li ma jinbxuhx u li ma jaghmlulhomx ħsara; u li ħadulhom ma's-sittin xini u kerdulhom b'collox ma'l efejn ruħ bejn mejjtin u rsiera. Soliman ghalhecc, f'Dicembru ta'l 1564, sejjaħ il Cunsill tieghu biex jara chif chien jitħem il bicċa u Meħmed u Pialì u Dragutt ħassrulu ħafna li jaħbat ghalina u iddbuh li aħjar jibda biex jieħu lil Guletta m'idejn l-Ispanjoli. Soliman tħaüüad biss kallhom li ghall ħarifa chellu imkar jaf x'jaf jaħbat ghal l-Insara ħalli jħallashom bl-icreħ ta' cull ma chienu ġieghluh ijġarrab. La Vallette üaslitlu dina il bxara u compla saħħaħ is-süar chemm felaħ u biex ijħaġġeġ il klub chien ghal erba sieghat cull jum ijġorr it-terrapien fuk spalltu milli bdeü jaktghu biex ijħaffru actar il fossijiet. Is-Sultan Filippu ta' Spanja telak ir-riedni ta'l flotta tieghu f'idejn Don Garzia de Toledo, Vicirè ta' Skallija, bħal ma chien üebblu La Vallette, billi il chelma tieghu chienet mismugha tasseü. Inġabru tlietin elf *scud ta'x-xemx* minn fuk il commendi ta'l Cavalieri li bosta minnhom ghaccsu büiethom m'il aħjar li setghu ucoll ħalli jinħażen ftit tgham seüüa ghall żmiem il ħrieb. Il Papa baghatlu ghaxar t'eluf scud u il ghonja maltin siltuh ghoxrin elf scud oħra li bihom barra m'il ħüejjeġ ta'l ichel inġiebu ucoll bosta suldati micrija.»

—«Ħadem b'il ghakal tasseü, La Vallette», kal Gaüci.

—«Il ħila u il ghakal f'it-takbid tieghu min jista jiċħadhom?» kal makrus Xara.

---

* *rigali.*

—«Hecc hu?» compla Ambroġ «Il Cavalier Pietru Mesquita, li ġie maħtur bħala Gvernatur ta'l Imdina, rifed is-sŭar m'il aħjarli sata. Il General ta'l Campanja, Gulielmu Coupier u il Gvernatur ta' Ghaŭdex Toni De Fay, cavalieri it-tnejn kalbiena tasseŭ, ma kaghdux lankas b'idejhom fuk żakkhom. Ghal l-eŭŭel il Cunsill tŭebbel li jħottu il Castell ta' Ghaŭdex u jġorru l'in-nies collha haŭn, iżda intebħu li chienu sejjrin imkarrka bl-icreħ u ghalhecc baghtu lil Cav: Torellas b'mitt suldat mieghu u rifdu collox m'il aħjar li setghu. Don Garzia chif ghaddejj ghall Guletta, ta' dakka ta' ghajn haŭn f'id-9 t'April 1565 ma'l Gran Mastru u nebbħu li Sant Iermu ma chienx kaŭŭi b'iż-żejjed u ġieghlu jżidlu revellin ieħor. La Vallette minn hemm intebaħ li ftit tama chellu jkieghed f'il ghajnuna tieghu ghad li raħħamlu chemm ŧelaħ u ghalhecc tama, f'Alla u f'il ħila ta'n-nies tieghu u kaghad jistenna il ŭakt kalil li jara jfeġġ l'in-Nofs Kamar fuk ix-xefak taghna.

—«U nies chellna b'iż-żejjed?» staksa Pinu.

—«Fl-eŭŭel ta' Mejju» ŭieġbu Ambroġ «sar il ghadd u sabu li chien haŭn nies ta' l-Ordni ħames mija u tnejn u disghin, fosthom erba mija u ŭieħed u sebghin Cavalier. Id-Dejma ta'l Birgu laħket 500 ruħ; ta'l Imdina, taħt il Hachem Toni De Guevara, 1,500; ta'ż-Żejtun, 560; ta' Hal Kormi u Birchircara 680; ta' Blrmiftuħ, 560; ta'ż-Żurriek 570; ta'n-Naxxar, 590; ta's-Siġġieŭi, 570; iġifieri b'collox 5,830 ruħ. Nies ta'x-xŭieni chien haŭn xi 600, ta'l galjun La Motta, mija oħra, li maghduda ma' daŭc ta' De Thezan, ta' Sant'Anġlu, u ta' De Boulien laħħku 1,120; u 1575 oħra micrija taħt il ħacma ta' Miranda, La Cerda, ta'l Curunell Mas, ta' De Medici, ta' Vagnone, ta'd-Dr: Di Naro, ta' Magnasco u ta' Villavecchia. B'collox laħħakna 9117 ruħ ghad li f'it-takbida ma ħadux sehem ħlief 8,500.» *

—«U it-Toroc taf xejn seŭŭa chemm laħħku» staksa Gaŭci.

—«Iva» ŭieġbu Ambroġ «Meta il flotta torca, f'it-13 ta' Mejju inġabret f'il port ta' Navarin il Ġeneral Piali ghamel il ghadd tieghu ucoll u sab 138 xini bi 38,300 ruħ tajjbin gha't-takbida taħt Mustafà, iġifieri actar minn erba darbiet milli chellna aħna.» **

—«Ŭisk actar milli chien haŭn nies b'collox f'daŭn il Gżejjer» kal Gaŭci.

—«U sgur» tenna Ambroġ «jecc dic il ħabta ma conniex inlaħħku b'collox actar minn tmienja u ghoxrin elf ruħ f'Malta u minn sitta sa seba t-elef oħra bejn Ghaŭdex u Chemmuna.

«—Incomplu mela ftit ieħor ŧejn ħallejna kabel. Malli ŧeġġet il flotta torca, f'it-18 ta' Mejju, it-Tabib ta'l Ordni, Camillo Rosso, intosca in-nixxijat ta'l ilma collha biex l-ghedeŭŭa ma jcollhomx mnejn jixorbu u ŭara li La Vallette chien ġa ħażen il ġeŭŭa m'is-sŭar ghal erbghin elf bittija mimlija. Harku ucoll l-uċuħ collha ta'r-raba li ma chienux laħku biex ma jsirux ma tul l-Assedju u b'hecc it-Toroc chien ijcollhom fukhiex ijghixu. Tkieghdet il catina li chienet taghlak il bocca ta'd-Daħla ta'x-Xŭieni minn tarf ghal l-ieħor u li chienet l-eħxen ŭaħda li chien hemm f'daŭc iż-żmienijiet. Ġiet maħduma f'it-Tarznar ta' Venezja u cull ħolka taghha kamet lil l-Ordni ghaxar ducati ta'd-deheb. Biss ftit ġmieghi kabel chien sejjer jitħaŭŭdilna collox billi minn Skallija ma riedux jatuna il kmugh bla sisa li ma chienx Don Garzia li seŭŭa collox hu biex ma jcktolniex b'il ġuħ seŭŭa seŭŭa lejliet il jum li conna imħejjija biex nitkatlu ghal meŭt ma't-Toroc.

«Malli temm ir-randan ta' dic is-sena, fl-eŭŭel ta' mejju il flotta torca chienet fuk ix-xŭiec biex titlak l-haŭn ħalli taħbat ghalina, u Soliman ħareġ f'it-tieka jitghaxxak b'il flotta li chienet telket minn Costantinopli ħalli tcattar il ġieħ tieghu u ta' Maŭmettu. Is Sultan Filippu ta' Spanja malli sama b'dan tŭerŭer u chiteb lil Don Garzia biex jaghmel m'il aħjar li jista ħalli Malta ma takax f'idejn it-Toroc billi baża li ŭara m'hux talli chienu jieħdulu minn taħt idejh Skallija u Napli iżda li actarx ghajnhom toghrochom ghall Spanja stess. Sejjaħ ghalhecc fuk il ghoxrin elf ruħ taħt l-armi u baghat tliet elef minnhom f'Guletta li ma jmorrux jaħbtulu ghaliha u jiximcuhielu minn ġo idejh. Franza u Venezja ħaslu idejhom, biex ma jicsruhiex ma't-Toroc u ma riedu jatuna l-ebda ghajnuna. Id-Duca ta' Firenze u il Papa iżda ŭakfu maghna m'il aħjar li setghu u dana kankal il klub ta's-Slaten insara chemm ŧelaħ biex jinghakdu ghalenija contra il misħut Nofs Kamar li m'hux biss ried ijŭakka u jirfes taħt gharkubu l-Eŭropa collha iżda ucoll is-Salib imkaddes taghna l-Insara. It-tmien xŭieni li chellu l-Ordni (tnejn minnhom ta'l Gran Mastru stess) ġeŭ imħejjija u La Vallette biex ijkaŭŭi il klub gha't-takbida ħarxa ġieghel li issir tkarbina minn cullħadd f'San Laŭrenz u l-eŭŭel li tkarben chien hu bi ħrara li ma bħala. Sar ħafna talb ucoll u l-actar li ŭera ħeġġa chien Patri Robert t'Evoli, il Capuċċin, li ŭara li chien ġie mifdi m'il jasar chien baka haŭn fostna jaghmel ġid chemm jiflaħ lill erŭieħ. Ġanni Borelli, il venezjan, chien gharraf lil La Vallette minn Costantinopli, fejn chien, li titlak il flotta torca chellha minn Navarin f'it-13 ta' Mejju ghall haŭn. Hi u ġejja ħabtulha tliet xŭieni ma'l iscolji u ŭaħda minnhom bakghet nieżla f'il kiegh b'is-seba mitt spaħi li chellha fukha.

«Ma tlugh ix-xemx ta't-tmintax ta' Mejju Sant Iermu spara tliet tiri. Sant'Anġlu uieġeb bi tlieta oħra u l-Imdina u Ghaŭdex ghamlu bħalu. Dana chien ijfisser li il flotta ta'l ghedeŭŭa feġġet fuk ix-xefak ġejja ghalina.

—«Mur ara x'biża?!» kaltlu Marija.

*(Jissocta.)*

---

* **Bosio.**

** *Dac collu li ghidt s'issa u li ghad inghid fuk l-Assedju il Cbir hu mehud minn fuk daŭna l-opri biex ma nokghodx insemmihom cull darba:—* **Vassallo**-*Storia di Malta;* **Sanminiatelli Zabarella**-*L'Assedio di Malta*; **Balbi da Correggio**-*La verdadera relacion*; **Ferrer**-*Relazione ufficiale dell'Assedio;* **Bosio**-*Historia della Santa Religione*; **Alexandri**-*Commentarii de acerrimo Turcarum bello*; **Tenaglia**-*Ricordi*; **Castellani Forosemproni**-*De bello melitensi historia;* **Viperanus**-*De Bello Melitensi*; **Cirni**-*Commentarii*; **De Vendome**-*Deux veritables discours*; **Coeli Secundi Curionis**-*Sarraceninicae historia*; **Ulloa**-*Historia*; **Salazar**-*Hispania Victrix*; **Mambrino Roseo da Fabriano**-*Historia del Mondo*; **Grangli**-*De Bello Melitensi;* **Fracasso**-*Trattato;* **Foglietta**-*Istoria*; **Adriani**-*Istoria*; **Scipione Ammirato**-*Istorie Fiorentine;* **De Thou**-*Historia*; **D'Aubigné**-*Histoire universelle*; **Vertot**-*Histoire des chevaliers;* **Calderon de la Barca**-*Gloriosa defensa de Malta*; **Fontana**-*I pregi della Toscana;* **Contini**-*Vita di Cosimo de' Medici*; **Boisgelin**-*Ancient and Modern Malta;* **Watson**-*Life of Phillp II and Philip III;* **Prescott**-*History of the reign of Philip the Second;* **De la Graviere**-*Les Chevaliers de Malte*; **Gauci Tramblett**-*L'Assedio;* **Brantome**-*Vies des Grands Capitaines;* **Guglielmotti; Lucini; Castagna; Cantu; Harmsworth** *u ħafna oħrajn li jsemmi iz-Zabarella, fl-opra famusa tieghu tasseŭ fuk dana il glorjus Assedju li ma' jintesa katt.*

# St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imûakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ûara il meût tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġûann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet oħra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetaħ, ûara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li aħna fih.

Dauc il ġenituri illi jixtieku jdaħħlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jieħduhom fil ghodu m'id-9 sa' nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeħ li chellu fl-aħħar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghad-deû tmienja b'punti gholjin ħafna.

Aħna billi nafu chemm hi cbira il ħila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaûh b'kalbna collha.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Rahal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseû.**

*Sejjer Johrog'*

# IR-RUH NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

**CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.**

TA GHAÛDEX.

Dina l-eûûel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eûûel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeû lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaûdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

## C. CAMILLERI & SONS

50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU
# BIDDLU
# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV
# RICHELET

Daûc collha li jridu jiccuraû rûiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeû TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haûn Malta jinxtara minn għand **L-Ispiżżjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

## L'ELIXIR
## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ûara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaûûi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu ma't-tieni flixcun, minn anemija kaûûija. Daûna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaûh fukhom stess jeû fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
**267, STRADA REALE.**

---

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħûejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tûiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daûl kaûûi u sabiħ ûisk u ħafna ħûejjeġ oħra bħal daûn ta'l aħjar qûalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaû biex taraû chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEÛ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEÛ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haûn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seûûa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaû iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ûara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeû jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAÛH GHALIEX MA JIDDIELCOMX!**

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.